



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 28.6.2012
COM(2012) 343 final

2012/0165 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE billi testendi l-perjodu ta' applikazzjoni tagħha u billi taġġorna l-ismijiet ta' pajjiż terz u tal-awtoritajiet responsabbli għall-approvazzjoni u l-kontroll tal-produzzjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Id-Direttivi tal-Kunsill dwar il-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa tal-pjanti tal-għalf, taż-żerriegħa taċ-ċereali, taż-żerriegħa tal-pitravi u taż-żerriegħa tal-pjanti taż-żejt u l-fibra jirregolaw il-kummerċjalizzazzjoni interna taż-żerriegħa għaż-żriġħ tal-ispeċijiet tal-pjanti kif elenkati f'dawn id-Direttivi. Biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ u biex jirrispondu fil-pront għat-talba tal-kummerċjalizzazzjoni, dawn id-Direttivi jipprevedu l-possibbiltà għall-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-awtorizzazzjoni tal-importazzjoni taż-żerriegħa b'sistema ta' ekwivalenza mill-pajjiżi terzi.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE¹ stipulat il-lista tal-pajjiżi li għandhom jiġu rikonossuti għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' ekwivalenza għall-importazzjoni, ir-rekwiżiti dettaljati li għandhom jiġu ssodisfati, u b'mod partikolari tillimita l-perjodu li għalih hija rikonossuta l-ekwivalenza għal ħames snin li jiġu estiżi jekk ir-rekwiżiti rilevanti kollha huma ssodisfati.

Dan il-perjodu se jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2012. Sabiex tiġi żgurata l-provvista ta' żerriegħa meħtieġa għas-suq tal-UE, dawn ir-regoli għandhom jiġu estiżi billi tiġi emendata d-data ta' skadenza sal-31 ta' Diċembru 2022. Attwalment, l-estensjoni temporanja hija prevista għal ħames snin biss. Madankollu, ir-reviżjoni tar-Regolament il-ġdid dwar il-materjali ta' propagazzjoni taż-żrieragħ u tal-pjanti (S&PM) (bi proċeduri ta' kodeċiżjoni) se tinbeda biss f'Settembru 2012, u l-miżuri ta' implimentazzjoni speċifiċi jiġu adottati wara. Għalhekk, limitu ta' żmien ta' għaxar snin jidher li huwa meħtieġ biex tiġi evitata l-iskadenza matul il-proċess.

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2003/17/KE jelenka l-Jugoslavja bħala pajjiż taħt ir-reġim ta' ekwivalenza. Xi pajjiżi ġodda jissostitwixxu dik li qabel kienet il-Jugoslavja. Is-Slovenja hija membru tal-Unjoni Ewropea, il-Kroazja diġà hija rikonossuta bħala pajjiż ekwivalenti permezz tad-Deċiżjoni 2003/17/KE, is-Serbja għandha tiġi miżjudha billi hija membru tal-Iskema tal-OECD għaċ-Ċertifikazzjoni tal-Varjeta' taż-Żerriegħa li timxi fil-Kummerċ Internazzjonali u membru tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Testijiet taż-Żerriegħa (International Seed Testing Association - ISTA) fir-rigward tat-teħid ta' kampjun u l-ittestjar taż-żerriegħa. Il-Jugoslavja għandha titħassar. Pajjiżi oħra minn dik li qabel kienet il-Jugoslavja ma jistgħux jiġu miżjudha minħabba li mhumiex membri tal-OECD u l-ISTA. Barra minn hekk, l-ismijiet ta' xi awtoritajiet responsabbli mill-approvazzjoni u l-kontroll tal-produttjoni, kif elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2003/17/KE inbidldu.

¹ ĠU L 8, 14.1.2003, p. 10.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE billi testendi l-perjodu ta' applikazzjoni tagħha u billi taġġorna l-ismijiet ta' pajjiż terz u tal-awtoritajiet responsabbli għall-approvazzjoni u l-kontroll tal-produzzjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta li saret mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE tipprevedi li għal perjodu limitat ta' żmien, l-ispezzjonijiet imwettqa fil-pajjiżi terzi fuq uċuħ tar-raba' għall-produzzjoni taż-żerriegħa ta' ċerti speċijiet huma meqjusa bħala ekwivalenti għall-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u li ż-żerriegħa ta' ċerti speċijiet prodotti fil-pajjiżi terzi tiġi meqjusa bħala ekwivalenti għaż-żerriegħa prodotta skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.
- (2) Jidher li dawk l-ispezzjonijiet fuq il-post għadhom jaġhtu l-istess garanziji bħal dawk imwettqa mill-Istati Membri. Dawn l-ispezzjonijiet fuq il-post għandhom għalhekk ikomplu jitqiesu bħala ekwivalenti.
- (3) Billi d-Deċiżjoni 2003/17/KE tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2012, il-perjodu li għalih hija rikonoxxuta l-ekwivalenza skont dik id-Deċiżjoni għandu jiġi estiż. Jidher mixtieq li dan il-perjodu jiġi estiż għal għaxar snin.
- (4) Ir-referenza għall-Jugoslavja fid-Deċiżjoni 2003/17/KE għandha titħassar. Is-Serbja, bħala membru tal-Iskema tal-OECD għaċ-Ċertifikazzjoni tal-Varjetà taż-Żerriegħa li timxi fil-Kummerċ Internazzjonali u membru tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Testijiet taż-Żerriegħa fir-rigward tat-teħid ta' kampjun u l-ittestjar taż-żerriegħa, għandha tiġi miżjudha fil-lista ta' pajjiżi terzi fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2003/17/KE. Barra minn hekk, l-ismijiet ta' xi awtoritajiet responsabbli għall-approvazzjoni u l-kontroll tal-produzzjoni, kif elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2003/17/KE inbidlu.

(5) Id-Deċiżjoni 2003/17/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2003/17/KE hija emendata kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 6 id-data “31 ta' Diċembru 2012” hija sostitwita bid-data “31 ta' Diċembru 2022”.
- (2) L-Anness I huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2013.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

"ANNESS I

Il-pajjiżi, l-awtoritajiet u l-ispeċijiet

Pajjiż(*)	Awtorità	Speċijiet imsemmija fid-Direttivi li ġejjin
1	2	3
AR	Instituto Nacional de Semillas (INASE) Av. Paseo Colón 922, 3 Piso 1063 BUENOS AIRES	66/401/KEE 66/402/KEE 2002/57/KE
AU	Australian Seeds Authority LTD. P.O. Box 187 LINDFIELD, NSW 2070	66/401/KEE 66/402/KEE 2002/57/KE
CA	Canadian Food Inspection Agency, Seed Section, Plant Health & Biosecurity Directorate 59 Camelot Drive, Room 250, OTTAWA, ON K1A 0Y9	66/401/KEE 66/402/KEE 2002/57/KE
CL	Ministerio de Agricultura Servicio Agrícola y Ganadero, División de Semillas Casilla 1167, Paseo Bulnes 140 - SANTIAGO DE CHILE	2002/54/KE 66/401/KEE 66/402/KEE 2002/57/KE
HR	State Institute for Seed and Seedlings, Vinkovacka Cesta 63 HR-31000 OSIJEK	2002/54/KE 66/401/KEE 66/402/KEE 2002/57/KE
IL	Ministry of Agriculture & Rural Development Plant Protection and Inspection Services P.O. BOX 78, BEIT-DAGAN 50250	66/401/KEE 66/402/KEE 2002/57/KE
MA	D.P.V.C.T.R.F. Service de Contrôle des Semences et des Plants, B.P. 1308 RABAT	66/401/KEE 66/402/KEE 2002/57/KE
NZ	Ministry of Agriculture and Forestry, 25 "THE TERRACE" P.O. BOX 2526 WELLINGTON	2002/54/KE 66/401/KEE 66/402/KEE 2002/57/KE
RS	Ministry of Agriculture, Forestry and Water Management Plant Protection Directorate Omladinskih brigada 1, 11070 NOVI BEOGRAD	2002/54/KE 66/401/KEE 66/402/KEE 2002/57/KE

Pajjiż(*)	Awtorità	Speċijiet imsemmija fid-Direttivi li ġejjin
1	2	3
TR	Ministry of Agriculture and Rural Affairs, Variety Registration and Seed Certification Centre Gayret mah. Fatih Sultan Mehmet Bulvari No:62 P.O.BOX: 30, 06172 Yenimahalle/ANKARA	2002/54/KE 66/401/KEE 66/402/KEE 2002/57/KE
US	USDA - Agricultural Marketing Service Seed Regulatory & Testing Branch 801 Summit Crossing, Suite C, GASTONIA NC 28054	2002/54/KE 66/401/KEE 66/402/KEE 2002/57/KE
UY	Instituto Nacional de Semillas (INASE) Cno. Bertolotti s/n y Ruta 8 km 29 91001 PANDO - CANELONES	66/401/KEE 66/402/KEE 2002/57/KE
ZA	National Department of Agriculture, C/O S.A.N.S.O.R. Lynnwood Ridge, P.O. BOX 72981, 0040 PRETORIA	66/401/KEE 66/402/KEE – only in respect of <i>Zea mays</i> and <i>Sorghum spp.</i> 2002/57/KE

(*) AR – l-Argentina, AU – l-Awstralja, CA – il-Kanada, CL – iċ-Ċili, HR – il-Kroazja, IL – l-Iżrael, MA – il-Marokk, NZ – New Zealand, RS – is-Serbja, TR – it-Turkija, US – l-Istati Uniti tal-Amerika, UY – l-Urugwaj, ZA – l-Afrika t’Isfel”